MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2001

Avviz Numru. 939/2000/1

**Avviz Nru:- 939/00**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Reno Meli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmi (Lm388.94) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-16 ta' Ottubru 1998 sal-5 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.
Bil-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira maltin u erbgha u disghin centezmi (Lm388.94c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-21 ta' Lulju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------